26.03.2020

**Liquigas b'ħażna mimlija biex tissupplixxi l-gass skont il-ħtieġa**

Bil-wasla tal-Covid-19, u l-miżuri ta' prevenzjoni li qed jittieħdu f'Malta, Liquigas Malta qed tiggarantixxi provvista ta' gass (LPG) li hi affidabbli, sigura u adegwata għall-konsumaturi, l-operaturi u d-distributuri, permezz tal-faċilità LPG mill-aktar avvanzata mmexxija minn Gasco Energy, li tinkludi terminal ta' importazzjoni mill-baħar, kif ukoll impjant għall-ħażna u l-mili taċ-ċilindri f'Bengħisa.

Minkejja dawn l-isfidi, Liquigas se tkompli twassal servizzi ta' kwalità lill-klijenti kollha sal-għatba tal-bieb tagħhom, filwaqt li tirrispetta l-linji gwida tal-awtorità tas-saħħa li kienu implimentati dan l-aħħar.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Liquigas, Roberto Capelluto, qal: "Bis-saħħa tal-investiment sinifikanti f'Malta, Liquigas Malta tista' tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista, anke matul perjodu diffiċli bħal dan, u tibqa' tkun f'pożizzjoni, permezz tal-organizzazzjoni tagħha, li twassal l-ordnijiet u tilqa' t-talbiet kollha, kemm għal ċilindri, kif ukoll għal bejgħ bl-ingrossa (*bulk sales*). Irridu nipproteġu lin-nies tagħna filwaqt li nkomplu niggarantixxu s-servizz lill-klijenti tagħna."

Paul Agius Delicata, Kap Eżekuttiv ta' Gasco Energy, il-kumpanija responsabbli għall-operat tal-impjant f'Bengħisa, qal: "Peress li aħna fornituri ta' utilità essenzjali, l-ħidma u s-servizzi tagħna qed jipproċedu b'mod normali. Barra minn hekk, kull ċilindru aħdar issiġillat ta' Liquigas qed jinħasel u mbagħad ikun diżinfettat b'kimika speċjali li telimina l-virusis u l-batterji kollha. Dan qed isir biex dejjem aktar niżguraw is-sigurtà tal-klijenti, tal-impjegati u tad-distributuri."

Liquigas toffri għajnuna 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, permezz tal-linja telefonika 22486010 li hi ddedikata għall-klijenti. Aktar tagħrif jinsab fuq www.liquigasmalta.com u fuq il-paġna facebook.